**3 ta' Novembru, 1995**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent Degaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Joseph Galea

## Reat Kontinwat - Manteniment

*Jekk il-prosekuzzjoni ma tkunx ikkontemplat diversi infrazzjonijiet bħala reat kontinwat u ġabithom kollha fl-istess kawża bħala tali reat*

*kontinwat, il-Qorti neċessarjament trid tagħti sentenza separata f'kull kawża ossia għal kull infrazzjoni jew għall-infrazzjonijiet miġjuba f'dik il-kawża. Il-Qorti ma tistax tordna li diversi proċessi jiġu inkorporati fi proċess wieħed jew f'sentenza waħda. L-uniku rimedju li tipprospetta l-liġi hu li jekk il-Qorti tara li d-diversi infrazzjonijiet f'kawżi separati kellhom jiġu ttrattati bħala reat kontinwat f'kawża waħda, il-Qorti għandha timmodera u tadegwa l-piena għaċ-ċirkostanzi.*

*Il-presuppost ġuridiku tal-kontravvenzjoni kkontemplata fl-artikolu 338(z) tal-Kodiċi Kriminali hu l-ordni għall-ħlas tal-manteniment. Jekk il-persuna favur min ħarġet dik l-ordni għandhiex introjtu ieħor jew taħdimx hu rrilevanti bħalma hu rrilevanti wkoll il-fatt li l-appellant appella minn dik is-sentenza li ordnat tali ħlas tal-manteniment. Difatti, skond l-artikolu 267(a) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, sentenza li tordna l-għoti ta' manteniment hi dejjem provvisorjament esegwibbli.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Esekuttiva kontra Joseph Galea talli f'dawn il-Gżejjer, matul ix-xahar ta' Marzu, 1994 naqas li jagħti lil martu Carmen Galea s-somma ta' Lm34 fil-ġimgħa, in kwantu għal Lm26 għaliha u Lm8 għal bintha minorenni Annette, skond sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-16 ta' Ġunju, 1993 u għalhekk kiser l-artikolu 338(z) tal-Kodiċi Kriminali u ċjoe` meta hekk ordnat minn xi Qorti naqas li jagħti lil martu dik is-somma ffissata minn dik il-Qorti bħala manteniment għaliha u għal bintha minorenni fi żmien ħmistax-il jum skond l-ordni li kellu biex iħallas is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-15 ta' Diċembru, 1994 li biha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Joseph Galea

ħati skond l-imputazzjoni kif dedotta kontra tiegħu u kkundannatu għal ammenda ta' għoxrin lira (Lm20);

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Joseph Galea, minnu pprezentat fis-27 ta' Diċembru, 1994 li bih huwa talab hekk:

"'Illi għaldaqstant l-appellant qed jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell sabiex **tiddikjara nulla** s-sentenza ta' l-ewwel Qorti billi din kisret dritt basiku ta' l-akkużat li jitħalla jġib il-provi tiegħu u jkun assistit minn avukat ta' fiduċja kif fuq imfisser, kif ukoll li s-sentenza tal-15 ta' Diċembru, 1994 **hija inġusta mil-lat tal-kundanna** billi evidentement it-tlett akkużi fil-kawżi numri sbatax, tmintax u dsatax kellhom jiġu meqjusa bħala akkuża waħda fis-sens ta' kontravvenzjoni kontinwa u mhux kull akkuża tressqet f'kawża separata u għalhekk anke f'dan is-sens l-istess sentenza indikata **għandha tiġi mibdula** apparti u mingħajr preġudizzju **għat-talba tat-taħsir** tas-sentenza fuq bażi ta' nullita` " (enfasi ta' din il-Qorti);

Rat l-atti kollha tal-kawża inkluża s-sentenza preliminari tat-30 ta' Ġunju, 1995; semgħet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Illi qabel xejn din il-Qorti terġa' ttenni dak li qalet fis-sentenza preliminari tagħha msemmija u ċjoe` li t-talba ta' l-appellant kif ifformulata tammonta għal talba għat-taħsir tas-sentenza u, subordinatament, it-tibdil tagħha kwantu għall-piena;

Il-Qorti tosserva wkoll li ċ-ċitazzjoni f'din il-kawża ħarġet fl-24 ta' Ġunju, 1994. Skond is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-16 ta' Ġunju, 1993 il-manteniment li għandu jħallas l-appellant Joseph Galea huwa ta' Lm34 fil-ġimgħa fid-dar konjugali. Fl-

assenza ta' indikazzjoni ta' xi modalita` oħra tal-ħlas, din il-Qorti għandha tagħti l-aktar interpretazzjoni favorevoli għall-persuna kkundanata li tħallas dak il-manteniment u għalhekk tifhem li dan il-manteniment hu dovut mhux bil-quddiem iżda b'lura fi tmiem kull ġimgħa. Ir-reat imputat huwa wieħed istantanju u mhux permanenti (ara **Il-Pulizija** ***vs*** **Lawrence Cilia**, App. Krim. 10/3/95) u għalhekk jekk wieħed jieħu in konsiderazzjoni il-ħmistax-il jum imsemmija fil-paragrafu (z) ta' l-artikolu 338 tal-Kodiċi Kriminali jidher li r-reat ipotizzat fl-imputazzjoni in kwantu jirreferi għall-ewwel ġimgħatejn ta' Marzu ta' l-1994 huwa preskritt. Għalkemm din il-preskrizzjoni ma ġietx issollevata mill-appellant, din il-Qorti hi obbligata li tissollevaha *ex officio* (artikolu 594, Kap. 9). Jibqa' għalhekk biex jiġi kkunsidrat ir-reat in kwantu jirreferi għall-ġimgħat li jibdew mill-14 ta' Marzu, 1994;

L-ewwel aggravju ta' l-appellant hu li kemm l-imputazzjoni odjerna kif ukoll l-imputazzjonijiet li jiffurmaw il-meritu ta' l-appelli 2/95 u 3/95 (li jirreferu għax-xhur ta' April u Mejju, 1994 rispettivament) kellhom jiġu inkorporati f'imputazzjoni waħda b'mod li jkun hemm akkuża waħda biss ta' kontravvenzjoni kontinwa (*recte*: kontinwata). Dwar dan il-punt il-Qorti tosserva li bħalma l-paragrafi ta' l-artikolu 17 tal-Kodiċi Kriminali dwar il-konkors ta' reati u pieni ma jistgħux jittieħdu in konsiderazzjoni u jiġu applikati mill-Qorti jekk il-prosekuzzjoni ma tressaqx aktar minn imputazzjoni ta' reat wieħed fl-istess kawża, hekk ukoll jekk il-prosekuzzjoni ma tkunx ikkontemplat id-diversi infrazzjonijiet bħala reat kontinwat u ġabithom kollha fl-istess kawża bħala tali reat kontinwat, il-Qorti neċessarjament trid tagħti sentenza separata f'kull kawża ossia għal kull infrazzjoni jew għall-infrazzjonijiet miġjuba f'dik il-kawża. Jista' jagħti l-każ li l-prosekuzzjoni jkollha d-dubbji tagħha jekk hemmx ir-"risoluzzjoni waħda" kkontemplata

fl-artikolu 18. Jista' jagħti l-każ ukoll li l-prosekuzzjoni f'dan il-każ, il-Pulizija Esekuttiva, tkun aġixxiet tempestivament u ma' l-ewwel infrazzjoni resqet lil dak li jkun; f'dan il-każ wieħed ma jistax jippretendi li l-Pulizija għandha toqgħod tistenna biex tara jekk il-persuna li tkun tikkommettix reat ieħor in forza tar-risoluzzjoni waħda li tkun preċedentement iffurmat biex b'hekk fl-aħħar tressqu akkużat bl-infrazzjonijiet kollha bħala reat kontinwat. Mill-banda l-oħra il-Pulizija m'għandhiex tispezzetta d-diversi atti f'diversi kawżi. Fil-każ preżenti, hu evidenti li l-Pulizija pprospettat reat kontinwat għax-xahar ta' Marzu, 1994 (peress li ma' kull skadenza ta' manteniment mhux imħallas, magħduda il-ħmistax-il jum, kien hemm *prima facie* infrazzjoni). Pero` ġaladarba t-tliet ċitazzjonijiet, jiġifieri kemm dik fil-kawża odjerna kif ukoll dawk fil-kawżi li huma meritu ta' l-appelli 2/95 u 3/95, ħarġu fl-istess data - **24 ta' Ġunju, 1994** - din il-Qorti ma tistax tifhem x'seta' wassal lill-Pulizija li joħorġu tliet ċitazzjonijiet separati minflok ċitazzjoni waħda b'imputazzjoni ta' reat kontinwat li jkopri l-infrazzjonijiet għax-xhur (proprjament għall-ġimgħat fix-xhur) ta' Marzu, April, u Mejju, 1994. Mill-banda l-oħra din il-Qorti ma tistax tordna li t-tliet proċessi jew it-tliet sentenzi diġa` mogħtija jiġu inkorporati fi proċess wieħed jew f'sentenza waħda - ebda disposizzjoni tal-liġi ma tawtorizzaha li jsir dan. L-uniku rimedju li tipprospetta l-liġi hu li jekk il-Qorti (li tista' tkun anke l-Qorti ta' Prim'Istanza) tara li d-diversi infrazzjonijiet f'kawżi separati kellhom jiġu ttrattati bħala reat kontinwat f'kawża waħda, il-Qorti għandha timmodera u tadegwa l-piena għaċ-ċirksotanzi;

It-tieni aggravju ta' l-appellant hu bażikament li hu ma kienx assistit mill-avukat ta' fiduċja tiegħu quddiem l-ewwel Qorti u għalhekk ma setax iressaq il-provi tiegħu. Dan l-aggravju hu infondat. L-ewwel seduta quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

ġiet differita għall-15 ta' Diċembru, 1994 fuq talba ta' l-imputat kif ukoll minħabba li x-xhud prinċipali tal-prosekuzzjoni, Carmen Galea kienet marida. Fis-seduta ta' wara, ċjoe' dik tal-15 ta' Diċembru, 1994, l-avukat ta' fiduċja ta' l-imputat naqas li jidher meta ssejħet il-kawża u dan anke wara li l-istess kawża ġiet posposta u reġgħet issejħet. Jekk kien hemm xi nuqqas, dan ċertament ma jistax jiġi addebitat lill-ewwel Qorti, iżda lil min naqas li jidher u ħalla l-klijent tiegħu sprovvist mill-għajnuna legali. L-ewwel Qorti tat opportunita' raġonevoli sabiex l-imputat ikun assistit mill-avukat ta' fiduċja tiegħu u l-imputat qatt ma talab lill-ewwel Qorti sabiex din tqabbadlu avukat ieħor hi biex jassistih. Fi kwalunkwe każ, kwalsiasi preġudizzju li seta' sofra l-appellant quddiem l-ewwel Qorti - preġudizzju mhux attribwibbli għall-operat ta' dik il-Qorti - seta' faċilment jiġi rimedjat quddiem din il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fejn l-appellant kien dejjem assistit mill-avukat tiegħu;

Aggravju ieħor ta' l-appellant hu li mis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-16 ta' Ġunju, 1993 hu interpona appell, li martu qed tieħu introjtu regolari minn proprjeta' parafernali tiegħu u li martu qed taħdem. Konsegwentement, skond l-appellant, ebda manteniment ma hu dovut lilha. Dan l-aggravju wkoll hu infondat. Il-bażi ta' l-imputazzjoni, ċjoe' il-presuppost ġuridiku, hu l-ordni għall-ħlas tal-manteniment ikkontenut fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-16 ta' Ġunju, 1993. Jekk il-mara għandhiex introjtu ieħor jew taħdimx hu rrilevanti, bħalma hu rrilevanti wkoll il-fatt li l-appellant appella minn dik is-sentenza li għalhekk tinsab quddiem il-Qorti ta' l-Appell. Kif ġie spjegat minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tal-10 ta' Marzu, 1995 fl-ismijiet **Il-Pulziija** ***vs*** **Lawrence Cilia**, l-ordni tal-Qorti kif ravviżat fl-artikolu 338(z) tal-Kodiċi Kriminali, jista' jkun jew f'digriet jew f'sentenza definittiva. B'sentenza definittiva f'dan il-kuntest, pero', wieħed

ma jridx jifhem sentenza li għaddiet in ġudikat. Ikun kontro-sens, infatti, li kieku ordni kkontenut f'digriet li jista' dejjem jiġi mmodifikat mill-Qorti li tkun tat dak id-digriet (jew, f'każ ta' digriet simili mogħti mis-Sekond Awla, immodifikat mill-Prim'Awla) ikun jista' jiġi invokat għall-finijiet ta' l-artikolu 338(z) iżda mhux ordni kkontenut f'sentenza li tiddetermina l-vertenza bejn il-partijiet għax din is-sentenza tkun għadha soġġetta għall-appell jew għax ikun sar appell minnha. Minbarra dan, skond l-artikolu 267(a) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, sentenza li tordna l-għoti ta' manteniment hi dejjem provisorjament esegwibbli. Għalhekk din il-Qorti qiegħda tiddeċidi li l-fatt li sentenza tal-Prim'Awla li jkun fiha ordni għall-ħlas ta' manteniment tkun soġġetta għall-appell jew tkun ġiet appellata mhux ta' ostakolu li dak l-ordni jservi bħala l-presuppost ġuridiku għall-imputazzjoni skond l-artikolu 338(z) tal-Kodiċi Kriminali u dan peress li dak l-ordni għandu fi kwalunkwe każ jiġi obdut;

L-appellant jilmenta wkoll li hu ilu għaxar snin ma jaħdimx ta' bennej minħabba disabilita` f'idejh u għalhekk m'għandux il-mezzi biex iħallas il-manteniment ordnat mill-Prim'Awla. Din il-Qorti pero`, tara li dana l-fatt, ċjoe` d-disabilita` u n-nuqqas ta' eserċizzju tal-mestier ta' bennej, ma avverax ruħu immedjatament qabel l-għoti tas-sentenza tal-Prim'Awla b'mod li hu ma setax jinforma lil dik il-Qorti b'dan il-fatt. Din il-Qorti għalhekk għandha tikkonkludi li meta l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat is-sentenza in kwistjoni, kienet ħadet in konsiderazzjoni din id-disabilita` u l-fatt li l-appellant ma kienx għadu jaħdem ta' bennej meta ġiet biex tiffissa l-manteniment pagabbli minnu lil martu u lil bintu Annette. Għalhekk dana l-aggravju qed jiġi wkoll respint;

Kwantu għall-piena, minkejja dak li ngħad aktar 'l fuq f'din

is-sentenza dwar ir-reat kontinwat, u minkejja li parti mill-imputazzjoni ser tiġi ddikjarat preskritta, din il-Qorti tara li dan kien każ li jimmerita l-piena karċerarja ta' detenzjoni u mhux sempliċement multa. Għalhekk din il-Qorti mhix ser tvarja l-piena;

Għall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant ħati talli naqas li jagħti lil martu Carmen Galea s-somma ta' Lm34 fil-ġimgħa bħala manteniment għaliha u għall-minuri Annette skond sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-16 ta' Ġunju, 1993 u dana għall-perijodu mill-14 ta' Marzu, 1994 sa' l-aħħar ta' Marzu 1994 kif ukoll tikkonfermaha in kwantu għall-piena inflitta ta' għoxrin lira (Lm20) ammenda, iżda tħassarha u tirrevokaha in kwantu sabitu ħati ta' din l-imputazzjoni għall-perijodu ta' qabel l-14 ta' Marzu, 1994.